**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Ottubru 2020**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 681/2015**

**Carmelo u Eve konjugi Farrugia**

**vs**

**Joseph Zammit, Francis Cassar, Debora Richard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-13 ta' Lulju, 2015 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-intimati Francis Cassar u Debora Richard, tant li l-istess intimatl Cassar u Richard ikkostitwew ruhhom debituri certi, likwidi u dovuti tar-rikorrentl konjugi Farrugia permezz ta' att pubbliku in atti Nutar Francesca Borg tal-erbgha(4) ta' Novembu 2011 u dan b'rabta ma' xarabank li kellha n-numru ta' registrazzjoni DBY317;

2. Illi tali titolu ezekuttiv gie rez esegwibbli mir-rikorrenti konjugi Farrugia permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2012;

3. Illi minn tali data 'l quddiem l-intimati Cassar u Richard ma ghamlu l-ebda pagament lir-rikorrenti Farrugia sabiex ihallsu dak dovut minnhom;

4. Illi l-intimat Joseph Zammit kien u ghadu debitur tal-intimati Cassar u Richard;

5. Illi fl-istess data tal-20 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti Farrugiaipprezentaw ittra ufficjali fil-konfront taI-intimat l-iehor Joseph Zammit fejn interpellaw lill-istess Joseph Zammit ihallas lill-istess rikorrenti l-flejjez dovuti minnu lill-intimati Cassar u Richard u dan wara li l-istess intimati Cassar u Richard kienu fuq l-att pubbliku tal-4 ta' Novembru 2011 taw il-kunsens taghhom sabiex l-lntimat Joseph Zammit ihallas lir-rikorrenti konjugi Farrugia l-flejjes dovuti minnu lill-intimati Cassar u Richard;

6. Illi fil-fatt l-intimati Cassar u Richard kienu pprezentaw rikors guramentat kontra l-intimat Zammlt fil-Prim Awla tal-Qorti Civili liema rlkors guramentat igib in-numru 393/2011, liema kawza tinsab pendenti quddiem l-lmhallef Mark Chetcuti, ghal flejjes lilhom dovuti mill-intimat Zammlt;

7. Illi r-rikorrenti Farrugia gew a konoxxenza tal-fatt li l-intimat Cassar fil-21 ta' Jannar 2015 iffirma skrittura mal-intimat Joseph Zammit fejn wara li ddikkjara li rcieva s-somma ta' hmistax-il elf ewro, iddikjara li ma ghandu l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' Joseph Zammit;

8. Illi din l-iskrittura li tinsab esebita fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 393/2011MCH saret sabiex jigu eluzi d-drittijiet tal-kredituri rikorrenti Farrugia da parti tal-intimat Cassar u Zammit;

9. Illi jista jkun il-kaz li l-intimata Richard dahlet fi ftehim simili mal-intimat Zammit bl-istess animu li jigu eluzi d-drittijiet tal-kredituri rikorrenti Farrugia;

10. Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mil-fakulta moghtija Iilhom mil-ligi mill-artikolu 1143 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Illi l-esponenti jixtieq li kwalsiasi ftehim iffirmat bejn l-intimati Cassar, Richard u Zammit fejn l-istess Cassar u Richard helsu lill-intimat Zammit mid-debitu dovut minnu lejhom u jew b'rabta max-xarabank DBY317, null u bla effett fil-ligi in kwantu sar esklussivament bl-intenzjoni li jigu eluzi d-drittijiet kreditrici tar-rikorrenti Farrugia;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-intimati Francis Cassar u Debora Richard debituri tar-rikorrenti konjugi Farrugia;

2. Tiddikjara lill-intimat Joseph Zammit debitur tal-intimati Francis Cassar u Debora Richard;

3. Tillikwida okkorendo permezz ta' periti nominandi s-somma dovuta minn Joseph Zammit lil Francis Cassar u Debora Richard;

4. Tikkundanna lill-intimat Joseph Zammlt ihallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrentl konjugi Farrugia;

5. Tiddikjara li l-iskritturi iffirmati bejn l-intimati Cassar, Richard u Zammit fis-sena 2015, partikolarment dik tal-21 ta' Jannar 2015 saru b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-

istess rikorrenti u kosegwentament thassar l-istess u tiddikjarahom nulli u bla effett fil-ligi;

6. Taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi inkluz li tirreferi l-kaz lill Kummissarju tal-Pulizija;
u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez u bl-imghax sa mid-19 ta' Dicembru 2011, inkluz dawk tal-mandati ta' sekwestru numri 1599/2012 u 1016/15 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Francis Cassar li tghid hekk:

1. Illi referibilment ghall-ewwel talba, l-esponent huwa konsapevoli tal-fatt illi huwa, flimkien ma' Deborah Richard, huwa debitur tar-rikorrenti;

2. Illi referibilment ghat-tieni talba, l-esponent jaqbel mat-talba tar-rikkorenti, u jikkonferma illi l-intimat Joseph Zammit huwa debitur tieghu u ta' Deborah Richard;

3. Illi referibilment ghat-tielet talba, l-esponent jaqbel mat-talba tar-rikorrenti ghall-likwidazzjoni okkorendo permezz ta' periti nominandi s-somma dovuta minn Joseph Zammit lill-esponent u lil Deborah Richard;

4. Illi referibilment ghar-raba' talba, l-esponent ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi l-intimat Joseph Zammit jigi kkundannat ihallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrrenti konjugi Farrugia;

5. Illi referibilment ghall-hames talba, l-esponent ma ghandux oggezzjoni illi l-iskritturi iffirmati bejn l-esponent, Deborah Richard u Joseph Zammit fis-sena 2015, jigu iddikjarati nulli u bla effett fil-ligi, u dana stante l-fatt illi saru b'qerq da parti ta' Joseph Zammit, illi b'mala fede approfitta mill-fatt illi l-esponent ma jafx jaqra;

6. Illi referibilment ghas-sitt talba, l-esponent ma ghandu l-ebda oggezzjoni, u dan fil-konfront ta' Joseph Zammit.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra Joseph Zammit li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Zammit li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux integru stante li ma gietx inkluza l-mara ta' l-esponenti fir-rikors guramentat promotur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccezzjoni tar-res judicata, stante li l-kwistjoni bejn l-esponenti u l-intimati l-ohra diga giet deciza permezz ta' kawza ohra;

3. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika u jew kuntrattwali bejn l-atturi, l-esponenti u l-konvenuti l-ohra u dan hekk kif jidher mill-istess rikors guramentat tal-atturi u mid-dokumenti hemm anness, kif ukoll kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li skont il-gurisprudenza nostrana, ma hux konsentit li kreditur jesperixxi l-azzjoni gudizzjarja kontra l-allegat debitur tieghu, jekk qabel ma jippruvax li l-qaghda finanzjarja tad-debitur tieghu hi tali li jekk ma jistitwixxix il-proceduri hu, il-possibilta li jigbor flusu minghand id-debitur tieghu tista' tigi pregudikata serjament u ghalhekk l-atturi ma ghandhom l-interess guridiku necessarju sabiex jintavolaw l-actio debitor debitoris mei.

5. Illi fil-mertu, dak indikat fir-raba paragrafu tar-rikors promotur huwa inveritier stante li l-esponenti u l-intimati l-ohra waslu fi ftehim sabiex jitransigu l-pendenzi kollha ta' bejniethom u dan hekk kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u in oltre l-esponenti qatt ma gie nnotifikat bl-ittra ufficjali indikata fil-hames paragrafu;

6. Illi dak indikat fit-8 u d-9 paragrafu tar-rikors promotur fir-rigward tal-animu tal-esponenti huwa inveritier u dan stante li jekk l-esponenti kellu jasal fi ftehim ma' xi hadd, dan kellhom ikunu l-atturi fil-kawza 393/2011MCH u mhux mal-atturi f'din il-kawza li b'kull dovut rispett l-esponenti ma ghandu l-ebda relazzjoni maghhom;

7. Illi fir-rigward tal-11-il paragrafu tar-rikors promotur u tal-hames talba attrici, l-atturi ma ghandhomx l-interess legali mehtieg biex jaghmlu din it-talba, u kwalsiasi talba f'dan is-sens tista' tigi ittentata biss mill-partijiet li ikkuntrattaw f'dawk l-iskritturi;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ghadu sallum ma giex notifikat bl-ittri ufficjali indikati fir-rikors promotur u wisq anqas qatt ma gie nnotifikat li kien xi sekwestratarju fil-mandat tal-atturi kontra l-intimati l-ohra u kwindi l-esponenti huwa estranju ghal kollox fl-arrangamenti li saru bejn l-atturi u l-intimati l-ohra;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, billi l-esponenti qatt ma gie innotifikat b'xi mandat ta sekwestru fejn huwa kien sekwestratarju u billi qatt ma gie innotifikat bl-assenjazzjoni tal-allegat debitu bejn l-atturi u l-intimati l-ohra, l-esponenti ma jistax jahti ghall-nuqqasijiet tal-atturi li naqsu li jinnotifikaw lill-esponenti;

10. Illi bejn l-intimati kienet pendenti kawza civili, liema kawza kienet segwita seduta b'seduta mill-atturi, pero l-atturi f'din il-kawza qatt ma intervjenew sabiex jiehdu dak li allegatament huwa taghhom u dan minkejja li l-esponenti kien talbu li jigu kjamati in kawza l-konjugi Farrugia, fit-tmien eccezzjoni taghhom;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti mhuwiex konsapevoli tal-fatti dwar l-allegat debitu bejn l-attur u l-intimati l-ohra, pero jidher mill-ewwel talba tal-atturi stess, li lanqas ma huma certi kredituri jew le tal-intimati l-ohra stante li l-ewwel talba ggib fix-xejn l-ewwel u t-tieni premessi tar-rikors promotur u konsegwentement gia la darba li skont it-talbiet attrici ghadu jrid jigi ddikjarat li l-intimati Francis Cassar u Debora Richards huma debituri tal-atturi, allura dak allegat fil-hames paragrafu tar-rikors promotur u cioe sabiex l-esponenti jhallas lill-atturi skont ma hemm indikat f'dan il-paragrafu, dan ma ghandux japplika billi ghad irrid jigi ddikjarat li l-atturi huma

kredituri tal-intimat Cassar u Richards, u kwindi gia la darba li dak iz-zmien li fih saret l-iskrittura ma kien hemm l-ebda kreditu cert, likwidu u dovut bejn il-partijiet kollha allura ma kien hemm xejn x'jigi assenjat;

12. Illi fi kwalsiasi kaz jinkombi fuq l-atturi li jgibu l-prova li l-esponenti kien jew ghadu debitur tal-intimati l-ohra Francis Cassar u Debora Richards;

13. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici, fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi;

14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u permessi mil-ligi.

Rat li Debora Richard hi fi stat ta' kontumacja;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Joseph Zammit u Francis Cassar;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza ntavolata mir-rikorrenti kontra l-allegati debituri tar-rikorrenti Francis Cassar u Deborah Richard u l-allegat debitur ta' Cassar u Richard, Joseph Zammit a bazi tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, u cioe l-*actio debitor debitoris mei*. Mill-atti jirrizulta illi Cassar u Richard kienu ffirmaw kostituzzjoni ta' debitu fil-konfront tar-rikorrenti fl-4 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema ddikjaraw illi ghandhom dejn certu, likwidu u dovut favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' €103,894.37 naxxenti minn bejgh ta' xarabank tal-ghamla King Long bin-numru ta' registrazzjoni DBY-317 li kien sar fis-16 ta' Gunju 2008 (*fol.* 83). F'din l-istess skrittura Cassar u Richard iddikjaraw illi Zammit huwa debitur taghhom u taw il-kunsens taghhom sabiex huwa jhallas direttament lir-rikorrenti Farrugia mis-somma dovuta lilhom li hija "*ekwivalenti ghal bilanc dovut mid-debituri lill-kredituri skond dan l-att*" (*fol.* 85), ghalkemm l-istess Zammit ma kienx firmatarju ta' din l-iskrittura u mill-atti jirrizulta li la kien prezenti meta kienet saret u lanqas ma kien jaf biha. Jirrizulta wkoll illi meta saret din il-kostituzzjoni ta' debitu l-partijiet kienu debitament assistit mill-avukati difensuri taghhom (ara x-xhieda tan-Nutar Dottor Francesca Borg a fol. 613).

Mill-atti jirrizulta illi r-rikorrenti u Zammit kienu dahlu f'wieghda ta' bejgh fir-rigward ta' xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY-790 permezz ta' skrittura datata 5 ta'

Gunju 2008 (*fol.* 587) ghall-prezz ta' €160,019.10. Skont din l-iskrittura Zammit kien obbliga ruhhu illi jbiegh u jitrasferixxi dan ix-xarabank lir-rikorrenti meta huma jkunu hallsu l-prezz kollu dovut u bhala garanzija ghall-adempjiment tal-obbligi assunti minnhom ir-rikorrenti kienu qablu illi "*Kemm `il darba ikun fadal bilanc ta' prezz fuq ix-xarabank, u din tigi traskurata mill-kumpraturi u jekk il-kumpraturi ma jkunux qed jahdmu biha, il-kumpraturi qed jaghmlu tajjeb biz-zewg xarabanks EBY-581 u DBY-317, fis-sens li l-venditur jiehu minflok FBY-790 iz-zewg xarabanks imsemmija.*" Ir-rikorrenti u Zammit qablu wkoll fuq din l-iskrittura illi dan ix-xarabank ma setax jigi assenjat lil terzi qabel jithallas il-bilanc kollu dovut lil venditur Zammit, u li x-xarabank kien ser jigi trasferit lir-rikorrenti meta jithallas il-bilanc dovut.

Illi permezz ta' skrittura datata 16 ta' Gunju 2008 r-rikorrenti obbligaw ruhhom illi jbieghu u jitrasferixxu lil Cassar u Richard ix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY-317 ghas-somma ta' €151,409.27 li kellha tithallas skont il-modalitajiet stabbiliti fl-istess skrittura (*fol.* 508). Skont din l-iskrittura Cassar u Richard ma setghux jitrasferixxu dan ix-xarabank qabel ma jhallsu l-ammont dovut kollu u minghajr il-kunsens tar-rikorrenti. Ma jidhirx illi huwa kontestat illi dan ix-xarabank kien gie akkwistat mir-rikorrenti wkoll minghand Joseph Zammit, u illi dan kien ghadu rregistrat fuq isem Zammit meta saret din il-promessa ta' bejgh mir-rikorrenti lil Cassar u Richard, ghaliex kien ghad hemm bilanc x'jigi saldat.

Jirrizulta wkoll illi Cassar u Richard kienu intavolaw kawza kontra Zammit fid-19 ta' April 2011 fl-ismijiet Francis Cassar u Deborah Richard vs Joseph Zammit (Rikors Guramentat nru. 393/2011MCH) (*fol.* 193) permezz ta' liema kienu ghamlu s-segwenti t-talbiet:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra li thoss opportun fic-cirkostanzi, tiddikjara illi l-intimat ma' ghandu ebda jedd, dritt jew pretensjoni fuq ix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY-317;
2. Tiddikjara illi l-vettura DBY-317 hija proprjeta esklussiva tar-rikorrenti;
3. Tiddikjara illi kull somma mhallsa jew li tista' tigi mhallsa lill-intimat Joseph Zammit mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awtorita ghat-Trasport Pubbliku bhala prezz ta' bejgh relattiva ghall-istess xarabank DBY-317 jew bhala kull pagament iehor dovut mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awtorita ghat-Trasport Pubbliku relattivament ghall-istess vettura huma flejjes proprjeta tar-rikorrenti;

4. Tiddikjara illi bl-agir abbuziv u illegali tieghu l-intimat kien u ghadu responsabbli versu r-rikorrenti ghad-danni kollha li gew ikkagunati lir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess agir;
5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess agir abbuziv tal-intimat;
6. Tikkundanna lill-intimat ihallas dik is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti.

Il-kawza bin-numru 393/2011MCH giet transatta wara illi kienu saru zewg skritturi bejn Cassar u Zammit u bejn Richard u Zammit. Ai termini tal-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 Cassar kien hallas lil Zammit is-somma ta' €15,000 (*fol.* 139), filwaqt illi ai termini tal-iskrittura tal-4 ta' Gunju 2015 Richard kienet hallset lil Zammit is-somma ta' €18,000 (*fol.* 136), u dan sabiex icedu l-kawza illi kienu intavolaw kontra Zammit bin-numru ta' referenza 393/2011MCH. F'dawn iz-zewg skritturi l-partijiet kienu qablu illi l-hlas li kien qieghed jigi maghmul minn Zammit m'ghandux jigi meqjus bhala ammissjoni da parti tieghu li huwa kien debitur ta' Cassar jew ta' Richard fir-rigward tal-kawza msemmija, u gie dikjarat minn Cassar u minn Richard illi huwa kienu sodisfatti il-hlas ricevut minnhom fuq l-iskrittura, li kien ikopri l-hlas tal-vettura, danni u kumpens mitlub minnhom u illi ma kellhom l-ebda pretensjonijiet, prezenti jew futuri fir-rigward ta' Joseph Zammit u Satelekomp Elektroniks Limited.

Il-Qorti rat ukoll illi fit-2 ta' Frar 2010 ir-rikorrent Carmelo Farrugia kien ghamel kwerela lil Pulizija kontra l-intimat Francis Cassar permezz ta' liema talab illi jittiehdu passi kriminali kontra l-istess Cassar, wara li akkuzah illi kien iffalsifika l-firma tieghu fuq dokument datat 19 ta' April 2009 illi Cassar kien issottometta lil Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku skont liema Farrugia kien ircieva s-somma ta' €70,000 bhala l-ahhar pagament dovut fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY-317. Cassar kien gie mixli quddiem il- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310, 187 u 189 tal-Kodici Kriminali u kien instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu permezz ta' sentenza datata 26 ta' Settembru 2013 fuq ammissjoni tieghu stess.

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qieghdin jimpunjaw l-iskritturi ta' transazzjoni tal-21 ta' Jannar 2015 u tal-4 ta' Gunju 2015, li skont huma saru esklussivament bl-intenzjoni illi jigu eluzi d-drittijiet taghhom bhala kredituri tal-intimat Francis Cassar u Deborah Richard. Ir-rikorrenti qieghdin jitolbu, *inter alia,* illi dawn l-iskritturi jigu mhassra u ddikjarati nulli, illi l-intimat Joseph Zammit jigi ddikjarat debitur tal-intimat

l-ohra Cassar u Richard u b'hekk jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma dovuta minnu lil Cassar u Richard.

**Integrita tal-gudizzju**

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni, l-intimat Joseph Zammit qieghed jecepixxi n-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju ghaliex r-rikorrenti ma intavolawx din il-kawza wkoll kontra martu.

Illi skont l-artikolu 1322 (2) tal-Kodici Civili, il-mizzewwgin ghandhom jitharrku flimkien fejn l-azzjoni tkun tirrigwarda xi att ta' amministrazzjoni straordinarja. L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja huma elenkati espressament fit-tielet sub-inciz tal-istess artikolu, u jikkonsistu fis-segwenti:

(a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, mahluqa jew trasferiti;
(b) atti li joholqu jew jolqtu l-ipoteka ta' beni;
(c) atti fejn ikun hemm qsim ta' beni;
(d) atti li jaghtu jedd ta' uzu u, jew, tgawdija ta' proprjeta immobbli;
(e) donazzjonijiet barra minn dawk imsemmija fl-artikolu1753(2)(a);
(f) li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta' flus f'kont f'bank;
(g) l-akkwist ta' proprjeta mobbli jew ta' xi jedd ta' uzu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel:
Izda dan ma japplikax ghal xi dejn maghmul ghall-htigiet tal-familja skont l-artikolu 1327(c), jew ghall-kiri ta' mobbli jew immobbli meta l-prezz tieghujkun moderat meta tqabblu mal-kondizzjoni tal-familja u l-kirja tkun ghal zmien qasir;
(h) il-kuntratt ghal xi garanzija;
(i) l-ghoti ta' plegg;
(j) is-shubija b'responsabbilta mhux limitata f'socjeta kummercjali, jew is-sottoskrizzjoni ghal xi ishma li ma jkunux imhallsa kollha jew l-akkwist taghhom f'socjeta b' responsabbiltà limitata;
(k) it-trasferiment ta' negozju kif ukoll it-trasferiment ta' xi sehem f'socjeta kummercjali barra minn kumpannija pubblika;
(l) kull att li johloq privilegg specjali skont l-artikolu 2010(b);
(m) kull att ta' rexissjoni ta' xi att imsemmi fil-paragrafi (a) u (c), u kull att ta' dikjarazzjoni maghmula intervivos li permezz taghha jigi rikonoxxut jew rinunzjatxi jedd fuq beni immobbli; u
(n) it-tqeghid fi trust ta' beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti u l-varjazzjoni jew revoka tal-kondizzjonijiet ta' kull trust li fih ikunu tqeghdu xi beni bhal dawk.

Illi huwa car illi din l-azzjoni ma tirrigwardax xi wiehed mill-atti imsemmija f'dan is-sub-inciz u ghaldaqstant ma tirrigwardax att ta' amministrazzjoni straordinarja. Minn dan ghandu jsegwi illi ma hemm l-ebda nuqqas ta' integrita tal-gudizzju mill-fatt illi

mart l-intimat Joseph Zammit ma gietx imharrka wkoll f'dawn il-proceduri, nonostante l-fatt illi kwalunkwe debitu li jista' talvolta jirrizulta illi huwa dovut minn Zammit jista' jkun passiv tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi dan jinsab filfatt ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Services Ltd noe vs Edwin Pace et** (PA, 03/10/2003) fejn gie deciz illi:

> Meta l-kaz ma jissubentrax taht l-ebda wahda mis-subparagrafi f'dan id-dispost kontemplati l-eccezzjoni moghtija ma tistax tircievi favur, anke jekk hu rikonoxxut l-interess tan-nisa mizzewga in materja u dan minkejja l-fatt illi …l-finalita tal-kawza kapaci jikkolpixxi anke l-fond…meqjus bhala beni tal-komunjoni.

Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-Eccezzjoni ta' res judicata**

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari tieghu l-intimat Joseph Zammit eccepixxa ir-*res judicata* stante illi l-kwistjoni ta' bejnu u l-intimati l-ohra diga giet deciza permezz ta' kawzi ohra.

Illi sabiex sabiex tintlaqa' eccezzjoni ta' *res judicata* jridu jikkonkorru tlett elementi, u cioe *eadem res, eadem personae* u *eadem causa petendi.* Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Vito Domenico Benvenga vs Direttur Generali Veterinary and Animal Welfare** (PA, 25/112014):

> *For the plea to succeed, these three elements have to be proved concurrently: where any one of these elements is lacking, the plea fails since in that case there is no identity (nisi omnia concurrunt, alia res est);*
>
> *That the plea of res judicata is of very strict interpretation, owing to the fact that it halts an otherwise valid legal claim. In case of doubt as to the concurrence of the above-mentioned elements, the plea ought to be rejected*.[1]

Illi huwa car illi din l-eccezzjoni m'ghandhiex mis-sewwa. Ir-rikorrenti ma kinux parti fil-proceduri ta' bejn l-intimati, u cioe dawk bin-numru ta' referenza 393/2011 MCH, u

[1] Ghal esposizzjoni tal-principji rigwardanti l-eccezzjoni tar-*res judicata* u l-elementi taghha ara, *inter alia,* **Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et** (Appell, 5/11/1934); **Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe** (Appell, 5/10/1992); **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et** (Appell, 2/07/1996); **Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Company Limited** (PA, 9/01/2002); **John u Mary konjugi Galea vs Raymond u Rosanne konjugi Falzon** (PA, 7/02/2002); **Angela Borg et vs Anthony Sciberras** (PA, 26/02/2015); **Vella Estates Limited vs Raymond Azzopardi et** (PA, 20/01/2016).

ghalhekk l-element ta' eadem personam huwa nieqes. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis vs Francis Aquilina et** (PA, 25/09/2003):

> L-element tal-identita' tal-persuni, huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rappresentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih.

Illi peress illi dan il-fatt wahdu huwa bizzejjed sabiex jirrizulta manifestament illi din l-eccezzjoni tal-intimat Zammit hija nfondata, u ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi m'huwiex il-kaz illi tiddetermina jekk jinkorrux il-bqija tal-elementi rikjesti ghas-success tal-eccezzjoni tar-*res judicata,* galadarba n-nuqqas ta' element wiehed huwa bizzejjed sabiex jinnewtralizza din l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tar-*res judicata* qed tigi michuda.

**Relazzjoni guridika bejn il-partijiet u l-interess guridiku tar-rikorrenti**

Illi l-intimat eccepixxa wkoll illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika jew kuntrattwali bejnu, ir-rikorrenti u l-intimati l-ohra u illi r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jippromwovu din l-azzjoni ghaliex ma giex pruvat illi d-debitur taghhom Francis Cassar u Deborah Richard m'ghandhomx il-mezzi sabiex ihallsu d-dejn dovut minnhom

Illi mill-premssa numru 10 tar-rikors guramentat tar-rikorrenti Farrugia jirrizulta indiskutibilment illi din hija azzjoni *debitor debitoris mei* intavolata ai termini tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili. Illi dan l-artikolu jipprovdi illi:

> Kull kreditur jista' biex jithallas ta' dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali.

Illi fir-rigward ta' dan l-artikolu gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Emidio Azzopardi et vs Av. Dr. Kevin Mompalao noe et** (Mag. (Ghawdex) 07/05/2013):

> Minn dan l-artikolu jemergi li l-kreditur qieghed jaghmel uzu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu izda jkun jappartjeni lid-debitur tieghu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun mehuda in jure debitoris u mhux in jure suo. Bid-dispost ta' dan l-artikolu, il-kreditur qieghed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur. L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jezercita

> jeddijiet jew azzjonijiet ghal kollox personali bhal per ezempju, kaz ta' separazzjoni, divorzju jew talba ghall-filjazzjoni ossija bhalma huma kawzi li ghandhom x'jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi mieghu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Micallef et vs Paul Balzan et** (Appell, 24/11/2017) gie deciz illi:

> Din il-Qorti tirrileva li biex kreditur jagixxi blazzjoni surrogatoria m'ghandux il-htiega li jkollu relazzjoni guridika diretta mad-debitur tad-debitur tieghu. Il-kreditur, fil-fatt, jagixxi biex jesegwixxi l-obbligazzjoni li t-terz ghandu versu d-debitur tieghu. Ma' dan it-terz, il-kreditur ma jkollu ebda relazjoni guridika, u l-interess tal-kreditur hu biex dan it-terz iwettaq l-obbligazzjoni tieghu versu d-debitur, halli dan tal-ahhar ikun jista' jissodisda l-interessi tal-kreditur. Il-kreditur jagixxi, b'mod indirett, f'isem id-debitur tieghu, u r-rabta guridika trid tkun tezisti bejn id-debitur u d-debitur tieghu, it-terz, u mhux bejn il-kreditur u t-terz; hu ghalhekk, li jinghad li l-kreditur jagixxi ex iuribus debitoris, u mhux f'ismu proprio.

Illi ghalhekk ma jehtiegx illi jkun hemm relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat Joseph Zammit, qua l-allegat debitur tal-allegati debituri taghhom Francis Cassar u Deborah Richard. Mill-provi jirrizulta illi Cassar u Richard huma filfatt debituri tar-rikorrenti u dan fid-dawl tal-kostituzzjoni ta' debitu datata 4 Novembru 2011 permezz ta' liema Cassar u Richard iddikjaraw illi ghandhom debitu cert, likwidu u dovut favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' €103,894.37. Ghalhekk il-ligi taghti lir-rikorrenti l-mezzi sabiex jigarantixxu s-sodisfazzjon tal-pretensjoni taghhom, senjatament billi taghtihom il-possibilita illi jressqu kontra l-allegati debituri tad-debitur taghhom dawk l-azzjonijiet kollha, hlief l-azzjonijiet purament personali, li huma permessi lid-debitur stess.

Illi qabel ma tqis l-eccezzjoni dwar l-interess guridiku tar-rikorrenti mill-ottika tal-mezzi finanzjarji tal-intimati, il-Qorti tqis illi jkun utli illi l-ewwel jigi ezaminat jekk b'mod generali r-rikorrenti ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex iressqu l-azzjoni hekk kif impostata minnhom. Illi permezz tal-azzjoni surrogatorja, l-kreditur jagixxi fl-interess personali tieghu izda *ex iuribus debitoris* sabiex jaghmel uzu minn dritt li jkun jappartjeni lid-debitur tieghu biex b'hekk jirreintegra fil-patrimonju tad-debitur tieghu beni dovuti lilu li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-kreditu dovut lill-kreditur rikorrent. Ghalhekk ghandu jkun jirrizulta illi l-azzjoni ntentata mill-kreditur rikorrent tkun wahda li tappartjeni lid-debitur tal-kreditur rikorrenti u li izda qieghed jezercitaha

hu sabiex jipprotegi l-interessi tieghu mill-inerzja u n-negligenza tad-debitur tieghu fil-konfront tad-debituri tieghu.

Illi pero jekk il-bazi tal-azzjoni rikorrenti tkun it-thassir ta' att maghmul mid-debitur tieghu bi frodi tad-drittijiet tieghu bhala kreditur, l-azzjoni spettanti lil kreditur sabiex ihassar dak l-att m'hijiex l-azzjoni surrogatorja izda l-azzjoni ta revoka, u cioe l-azzjoni pawljana. Kif intqal fid-decizjoni fl-ismijiet **Carmelo Mallia et vs All Invest Co Ltd et** (PA, 11/03/2016):

> Li qeghdin jallegaw il-konjugi Mallia hu li l-ahwa Falzon kienu involuti f'kuntratti ta' donazzjoni intizi biex tigi mnaqqsa l-garanzija patrimonjali ta' missierhom li trid taghmel tajjeb fl-eventwalità li jinghataw ragun ghall-pretenzjonijiet taghhom.
>
> Fl-aghar ipotezi, l-ahwa Keith u Kenneth Falzon jistghu ikunu eventwalment sokkombenti f'azzjoni pawliana, bir-rizultat li l-gid li rcevew b'donazzjoni jerga' jmur lura fl-assi patrimonjali tal-genituri taghhom, u jehlu xi spejjez bhal dawk gudizzjarji.

Illi l-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljani fejn fir-rigward tal-possibilita illi l-*actio debitor debitoris mei* tintuza sabiex timpunja l-ghazliet maghmula mid-debitur tal-kreditur rikorrenti fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu fil-konfront debituri tieghu intqal illi:

> *L'azione surrogatoria, consentendo al creditore di prevenire e neutralizzare gli effetti negative che possona derivare alle sue ragioni dall'inerzia del debitore, il quale ometta di esercitare li opportune azioni dirette ad incrementare il suo patrimonio, conferisce al creditore stesso la legittimazione all'esercizio di un diritto altrui, ed ha percio carattere necessariamente eccezionale, potendo essere proposta solo nei casi ed alle condizioni previsti dalla legge.*
> *Ne discende che, qualora non sia piu inerte, per aver posto in essere comportamenti indonei e sufficienti a far ritenere utilmente espresso la sua volonta in ordine alla gestione del rapport, viene a mancare il presupposto perche a lui possa sostituirsi il creditore, il quale non puo sindacare la modalita con cui il debitore abbia ritenuto di esercitare la propria situazione giuridica nell'ambito del rapporto, ne contestate le scelte e l'indoneita delle manifestazioni di volonta da questo poste in essere a produrre gli effetti gli effetti riconosciuti dall'ordinamento, soccorrendo all'uopo alti strumenti di tutela a garanzia delle pretese del creditore, quali, ove ne ricorrano i requisiti, l'azione revocatoria ovvero l'opposizione di terzo* [Cass. Civ. Sez. II. n. 5805 (12/04/2012)].

Illi minn qari tar-rikors guramenta tar-rikorrenti jirrizulta illi dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa t-thassir tal-iskrittura konkluza bejn Francis Cassar u Joseph Zammit, permezz

ta' liema Zammit hallas lil Cassar is-somma ta' €15,000 u l-iskrittura konkluz bejn Deborah Richard u Joseph Zammit permezz ta' liema Zammit hallas lil Richard is-somma ta' €18,000, liema skritturi kienu intizi sabiex Cassar u Richard icedu l-atti tal-kawza bin-numru 393/2011 MCH li kienu ntavolaw a bazi ta' allegat kreditu li kellhom kontra Zammit u allegati danni sofferti minnhom minhabba l-allegat rifjut irragjonevoli ta' Zammit illi jitrasferixxi l-licenzja tax-xarabank bin-numru DBY-317 li huwa kienu xtraw minghand ir-rikorrenti li kienu talvolta akkwistah minghand Zammit.

Illi huwa car li l-azzjoni ghat-thassir tal-iskritturi msemmija a bazi ta' allegazzjoni illi saru b'qerq bi hsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti qua kredituri ta' Cassar u Richard m'hijiex azzjoni spettanti lil Cassar u Richard kontra d-debitur taghhom ai termini tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, izda hija azzjoni spettanti lir-rikorrenti personalment ai termini tal-artikolu 1144 tal-Kodici Civili. Illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija cirkoskritta fuq il-kawzali moghtija minnhom, u r-rikorrenti bbazaw din il-kawza espressament fuq l-*actio debitor debitoris mei* provduta fl-artikolu 1143 tal-Kodici Civili. Illi ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jippromwovu l-azzjoni hekk kif impostata minnhom, peress illi t-talbiet maghmula minnhom ghat-thassir tal-iskrittura msemmija ma jirraprezentawx l-ezercizzju ta' jedd spettanti lil Cassar u Richard kontra l-allegat debitur taghhom Zammit.

Illi imbaghad galadarba jezistu kuntratti, u cioe l-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 u l-iskrittura tal-4 ta' Gunju 2015, illi jikkonfermaw illi Cassar u Richard hadu azzjoni kontra l-allegat debitur taghhom u illi Cassar u Richard m'ghandhom l-ebda pretensjonijiet ohra, prezenti jew futuri, kontra Zammit, ghandu jsegwi illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx iressqu prova, imqar *prima facie,* illi Zammit huwa d-debitur ta' Cassar u Richard.

Illi l-Qorti rat illi fir-risposta guramentata tieghu, Francis Cassar qabel mar-rikorrenti illi l-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 illi saret bejnu u bejn Joseph Zammit hija nulla. Illi l-Qorti taghraf pero illi Cassar qatt ma ghamel kawza *ad hoc* sabiex jannulla din l-iskrittura, u skont il-gurisprudenza, l-annullabilita ta' kuntratt ma tistghax titqajjem bhala eccezzjoni izda trid per forza tkun dedotta permezz ta' azzjoni apposita. (Ara

per ezempju: **Alfred Scicluna pro et noe vs Citadel Insurance p.l.c.** (PA, 27/06/2008) u **Sharon Felice et vs Owen Sultana,** Appell, 29/03/2019). Illi ghalhekk sallum il-gurnata il-Qorti ghandha quddiemha kuntratti validi u vigenti illi jeskludu l-kawzali tar-rikorrenti li Zammit huwa debitur ta' Cassar u Richard, u l-Qorti trid necessarjament tibbaza l-gudizzju taghha fuq dak illi jirrizulta quddiemha u xejn aktar.

Illi ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest sabiex jippromwovu l-*actio debitor debitors mei* fil-konfront ta' Zammit.

Ghaldaqstant l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti qed tigi milqugha, u dan ifisser illi din il-Qorti ma tistax tkompli tiehu konjizzjoni tal-azzjoni rikorrenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tichad l-ewwel, t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimat Zammit, tilqa' r-raba' eccezzjoni tieghu izda ghar-ragunijiet dedotti f'din is-sentenza u konsegwentement tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti Farrugia.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur